MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1311/1978/3

**Frank Pace, u b'digriet tal-10 ta' Jannar tal- 1996 stante l-mewt ta' Frank Pace l-atti gew trasfuzi f'isem Helen Pace armla ta' Frank, Anthony, Carmel, Mary u Doris Cesare, ahwa Pace**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u John Lanzon fil-kwalita` tieghu ta' Chairman tal-Planning Area Permits Board u personalment ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan huwa appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta’ John Lanzon (fil-kwalita` tieghu ta’ Chairman tal-Planning Area Permits Board) minn decizjoni tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta’ Novembru 2001 dwar meta l-Gvern jista’ jinstab responsabbli ghar-risarciment tad-danni f’kaz li att amministrattiv jigi dikjarat li kien *ultra vires* mill-qrati. L-attur, fic-citazzjoni tieghu (presentata fit-28 ta’ Novembru, 1978) talab lill-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli li abbuzaw mill-poter taghhom, agixxew arbitrarjament u mhux in forza ta’ ligi;

2. tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex minnufih jiddesistu milli jkomplu jinsistu fuq il-produzzjoni tal-garanzija bankarja sabiex jigu mgedda lill-attur il-permessi tal-‘garages’ tieghu kif ukoll biex jigi restitwit l-*istatus quo ante* lill-attur qabel ma giet enforzata dina l-kundizzjoni rigwardanti l-garanzija fuq indikata; u

3. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur sallum u dawk li l-attur ghad jista’ jsofri sakemm tkun ghaddejja din il-kawza w oltre bhala konsegwenza tal-agir tal-konvenuti jew min minnhom kif fuq inghad.

L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha tad-19 ta’ Novembru 2001, iddecidiet hekk:

*“filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u filwaqt li kwantu ghall-ewwel talba taghmel referenza ghal dak li gie deciz dwarha mill-Qorti ta’ l-Appell fit-18 ta’ Novembru 1994 u fid-29 ta’ Ottubru 1999, tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu ghat-tieni talba ghar-ragunijiet suesposti u tastjeni milli tippronunzja ruhha oltre dwar din it-talba, tilqa’ t-tielet talba kif dedotta. Il-kap ta’ l-ispejjez kwantu ghat-tieni u t-tielet talbiet jigu sopportati wkoll mill-konvenuti”*

**Is-Sentenza Appellata**

Ikun opportun li tigi riprodotta l-kumplament tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fl-intier taghha, ghax minnha johorgu kemm il-premessi fic-citazzjoni kif ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, riassunt ta' l-*iter* tal-kawza li bdiet fl-1978, il-fatti u r-ragunamenti li wasslu lill-ewwel Qorti tiddeciedi kif iddecidiet.

"Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.
"Premess illi l-attur jiggestixxi n-negozju ta' Car Hire mill-garaxxijiet St. Peter Garage, Church Square, Birzebbugia, u Frank's Garage, Zurrieq Road, Birzebbugia, in forza tal-licenzja ossia licenzji appoziti mahruga lilu regolarment mill-Kummissarju tal-Pulizija sa mill-1959;
"U premess illi l-attur ricentement gie notifikat permezz ta' cirkulari bla data u bla firma illi ghall-finijiet tat-tigdid tal-permess tal-istess public service garages fuq indikati, l-attur irid jaghmel Garanzija Bankarja fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) lic-Chairman tal-Planning Area Permits Board u jissottoscrivi Dikjarazzjoni ghar-rigward ta' l-istess garanzija (Dokument 'A' u 'A1');
"U premess illi din in-notifika rigwardanti l-garanzija rikjesta ma tohrog minn ebda ligi jew regolament imma giet hekk imposta arbitrarjament wara laqgha bejn xi rapprezentanti tar-Rent-a-Car Association, l-Onorevoli Ministru tax-Xoghlijiet Pubblici w ufficjali tal-P.A.P.B. (Dokument 'B');
"U premess illi giet enforzata kontra l-attur dina l-kundizzjoni rigwardanti l-garanzija fuq imsemmija billi huwa gie mgieghel mill-awtorita` kompetenti jew l-Ispettur tal-Pulizija tad-distrett sabiex jaghlaq il-garaxxijiet indikati w illi bhala konsegwenza ta' dina l-ordni, dan kien ta' pregudizzju serju ghall-attur kif ghad jirrizulta aktar car waqt ittrattazzjoni tal-kawza (Dokument 'C');
"U premess illi dawna l-garaxxijiet indikati jikkostitwixxu l-uniku mezz ta' ghixien ghall-attur u ghall-familja tieghu w illi l-gheluq taghhom ipprivawh 'in toto' minn dana l-uniku mezz ta' ghixien, talab li l-konvenuti gharragunijiet

premessi u ghal ohrajn li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza:

“1. jigu minn dina l-Qorti dikjarati responsabbli li abbuzaw mill-poter taghhom, agixxew arbitrarjament u mhux in forza ta’ ligi;

“2. m’ghandhomx l-istess konvenuti jigu kkundannati minn din il-Qorti sabiex minnufih jiddesistu milli jkomplu jinsistu fuq il-produzzjoni tal-fuq imsemmija garanzija bankarja sabiex jigu mgedda lill-attur il-premessi tal-‘garages’ tieghu kif ukoll biex jigi restitwit l-istatus quo ante lill-attur qabel ma giet enforzata dina l-kundizzjoni rigwardanti l-garanzija fuq indikata; u

“3. m’ghandhomx l-istess konvenuti jigu minn din il-Qorti dikjarati responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur sallum u dawk li l-attur ghad jista’ jsofri sakemm tkun ghaddejja din il-kawza w oltre bhala konsegwenza tal-agir tal-konvenuti jew min minnhom kif fuq inghad.

“Bl-interessi u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protest tal-ewwel ta’ Marzu 1978, u b’riserva ta’ kull azzjoni ohra kompetenti lill-attur kontra l-konvenuti.

“Rat in-nota tal-konvenuti fejn esponew bir-rispett illi l-esponenti John Lanzon, in kwantu gie mharrek “personalment ghal kwalunkwe interess li jista’ jkollu”, gie mharrek hazin, u fil-fatt huwa ma ghandu ebda interess personali li jkun fil-kawza peress illi l-konnessjoni tieghu mal-arrangament li sar dwar l-oghti tal-garanzija msemmija fic-citazzjoni hija unikament u esklusivament ufficjali stante l-kariga tieghu ta’ Chairman tal-Planning Area Permits Board, u zgur li bl-ebda mod ma ghandu dak l-arrangament jirrigwardah jew involvih personalment. Ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu gie imharrek personalment, bl-ispejjez kontra l-attur.

“Illi fil-meritu d-domandi tal-attur huma infondati peress illi l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija agixxa fit-termini tal-poteri lilu moghtijin mill-Police Licences Regulations mahrugin taht l-artikolu 3 tal-Att Nru. XXIV tal-1949 li jipprovdi ghal Licenzji tal-Pulizija meta ghamel l-ghoti jew

rinnovamenti tal-licenzji ta' garages soggetti ghall-kundizzjoni ta' garanzija ghall-iskop indikat lilu mill-PAPB u partikolarment l-artikoli 8 u 12 li jipprovdu hekk:
"8. *"Each licence shall contain any condition under which it is granted".*
"12. *"Subject to these Regulations and to the provisions of any law regulating any one or more classes of licences, the Commissioner (of Police) may attach to any licence such conditions as he may deem fit, ………".*
"Illi ghalhekk id-domandi tal-attur ghandhom jigu michudin bl-ispejjez kontrih.
"Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u Chairman tal-Planning Area Permits Board fejn eccepew illi in kwantu ghall-garaxx, Frank's Garage, Zurrieq Road, Birzebbugia l-attur ma ghandux interess giuridiku jipproponi u jissokta din l-azzjoni peress li l-licenzja fuq l-istess garaxx kienet f'isem Helen bint Frank Pace u mhux f'isem Frank Pace kif allegat fic-citazzjoni.
"Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom, flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda li giet prodotta;
"Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament id-decizjonijiet in parte gja' moghtija u li ghalihom ser isir accenn aktar 'il quddiem, kif ukoll ghan-noti ta' osservazzjonijiet li gew sottomessi mid-difensuri legali tal-partijiet kontendenti;
"Trattata ezawrjentement il-kawza;
"Ikkunsidrat li qabel xejn u f'dan l-istadju inizjali ta' din id-decizjoni finali jkun utli li jinghata riassunt kronologiku tal-iter procedurali ta' din il-kawza ghal fini ta' aktar kjarezza:

"1. il-kawza giet istitwita minn Frank Pace, l-awtur ta' l-atturi odjerni fit-28 ta' Novembru 1978 kontra: a) il-Kummissarju tal-Pulizija, u b) John Lanzon fil-kwalita' tieghu ta' Chairman tal-Planning Area Permits Board u personalment ghal kull interess li dan jista' jkollu;

"2. Fl-4 ta' Jannar 1979 gietipprezentata nota ta' eccezzjonijiet kollettiva f'isem il-konvenuti kollha fejn gew respinti l-allegazzjonijiet u dak li talab l-attur fl-att tac-citazzjoni promotrici;

"3. Fit-22 ta' Novembru1979, l-Avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace inhatar perit legali biex, wara li jisma' x-xhieda jirrelata dwar il-kawza;

"4. Fid-29 ta' Mejju 1987, il-konvenuti nomine ipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri in kwantu ghall-garaxx maghruf bl-isem ta' "Frank's Garage", Zurrieq Road, Birzebbugia, l-attur ma kellux interess guridiku, billi l-licenzja tieghu ma kenitx f'ismu imma f'isem bintu Helen Pace (fol. 100 tal-process);

"5. Fil-15 ta' Gunju 1988, il-perit legali fuq imsemmi pprezenta r-relazzjoni tieghu (fol. 112 sa 128 tal-process);

"6. B'digriet datat ukoll 15 ta' Gunju 1988, il-process gie rimess f'idejn il-perit legali in vista tal-fatt li l-attur iddikjara li Helen Pace ma kenitx bintu imma l-mara tieghu;

"7. Fit-30 ta' Mejju 1989, il-perit legali pprezenta relazzjoni qasira addizzjonali (fol. 150 – 151);

"8. Fit-8 ta' Jannar 1990, din il-Qorti, kif diversament presjeduta, tat digriet fejn innominat tliet avukati bhala periti addizzjonali ghal fini ta' rapport addizzjonali jew perizjuri;

"9. Fit-13 ta' Marzu 1991, il-periti addizzjonali halfu r-relazzjoni taghhom (fol.172 – 181 tal-process);

"10. Fit-2 ta' Ottubru 1991, din il-Qorti, kif diversament presjeduta, iddecidiet il-kawza billi fl-ewwel lok illiberat lill-konvenut John Lanzon tant proprio kif ukoll nomine mill-osservanza tal-gudizzju, cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti ta' nuqqas ta' nteress ta' l-attur li jipproponi l-azzjoni in kwantu ghal "Frank's Garage", Birzebbugia, u cahdet ukoll it-talbiet attrici bhala infondati filkonfront tal-konvenut l-iehor, il-kummissarju tal-Pulizija, (ara fol. 184 – 187 tal-process);

"11. Fit-18 ta' Novembru 1994, il-Qorti ta' l-Appell fuq appell mid-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili interpost mill-attur, <u>iddecidiet billi irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel</u>

grad u ddifferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni ghal data posterjuri “sabiex tigi diskussa l-kwistjoni – anke procedurali – li l-istess kontinwazzjoni timporta” u dan ukoll billi l-ispejjez gudizzjarji sa dak l-istadju jibqghu “kollha bla taxxa” (fol. 236 – 242 tal-process);

“12. Fid-29 ta’ Mejju 1995, il-Qorti ta’ l-Appell tat id-digriet segwenti:

*““Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta’ l-appell u rat id-diffikulta` li issa hemm dwar il-konsegwenti danni li qed jippretendi l-appellant. Minghajr pregudizzju ghall-kwistjonijiet legali, l-appellant Pace ghandu sat-12 ta’ Gunju 1995, biex jipprezenta nota fir-Registru u kopja lill-kontroparti dwar id-danni minnu pprospettati” (fol. 257 tal-process);*

“13. Fit-8 ta’ Gunju 1995, l-attur ipprezenta prospett dettaljat tal-pretensjoni tieghu dwar danni li in parte ikkwantifika fl-ammont komplessiv ta’ Lm272,272 oltre telf ta’ qliegh mill-bejgh li kien jaghmel mill-garaxxijiet tieghu ta’ “spares” u “autoparts” u deterjorazzjoni tal-vetturi (fol. 259 – 260);

“14. Fl-14 ta’ Gunju 1995, il-Qorti ta’ l-Appell tat digriet ulterjuri kif gej:

*““Peress illi ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, dan l-ezercizzju ma jistax isir minn din il-Qorti. Wara li rat l-Artiklu 233 tal-Kap 12, il-Qorti billi ma tistax tikkunsidra kif jehtieg il-kwistjoni tad-danni minghajr ma tippriva lill-partijiet minn doppio ezami ta’ kwistjoni hekk importanti tibghat lura l-atti lill-Onorabbli Qorti Prim’ Awla (fol. 261 tal-process);*

“15. Mibghut lura l-process quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, din ivverbalizzat li gej fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru, 1995:

*““Billi fil-fehma tal-Qorti jehtieg li tigi trattata l-kwistjoni tad-danni fis-sens jekk hemmx talba ghall-likwidazzjoni tad-danni; il-kawza giet differita ghad-19 ta’ Jannar 1996 biex jigi trattat dan il-punt” (fol.264);*

“16. B’rikors datat t-8 ta’ Jannar 1996, l-atturi Frank, Anthony, Carmel, Mary, u Doris Cesare, ahwa Pace, talbu li l-kawza tissokta f’isimhom flok l-imsemmi Frank Pace, li miet fil-mori, liema talba giet milqugha;

“17. B’nota datata d-29 ta’ Marzu 1996, l-atturi rrinunzjaw ghat-talbiet taghhom in kwantu diretti kontra l-konvenut John Lanzon proprio u zammu ferm it-talbiet kemm kontra l-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll ic-Chairman tal-Planning Area Permits Board;

“18. B’sentenza ulterjuri moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ April 1996, kif diversament presjeduta, din il-Qorti ddecidiet billi tastjeni ruhha milli tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza billi l-meritu taghha jinsab ezawrit bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta’ Novembru 1994. Fic-cirkustanzi, l-ispejjez ta’ dan il-provvediment kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

“Din id-decizjoni nghatat wara li din il-Qorti, kif diversament presjeduta, *kien inter alia* osservat ukoll kwantu segwe:

*“Illi minn ezami tat-tliet talbiet attrici jirrizulta li ebda wahda minnhom ma tikkomprendi talba ghall-likwidazzjoni tad-danni. Difatti, l-ewwel u t-tieni talba lanqas biss ma jaghmlu ebda riferenza ghal danni. Filwaqt li t-tielet talba, ghalkemm taghmel riferenza ghal danni, din ir-riferenza ghad-danni <u>hija limitata ghad-dikjarazzjoni</u> ta’ responsabbilta` tad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta’ l-agir tal-konvenuti jew min minnhom. Imkien ma hemm talba ghall-likwidazzjoni jew ghall-hlas tad-danni. Konsegwentement, hija tal-fehma li ma tistax tghaddi ghall-likwidazzjoni tad-danni, u billi l-kawza ntbaghtet lura lilha ghal dan l-iskop biss, hija ma tistax tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza”,*

“u ghalhekk,

*“……. tiddeciedi billi tastjeni ruhha milli tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza billi l-meritu taghha jinsab ezawrit bis-sentenza ta’ l-Onor. Qorti ta’ l-Appell tat-18 ta’*

*Novembru 1994. Fic-cirkustanzi, l-ispejjez ta' dan il-provvediment jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti" (fol. 270 – 280 tal-process);*

"19. a) Mis-sentenza surreferita tat-12 ta' April 1996, l-atturi intavolaw appell fuq l-aggravju segwenti, u dan in data tad-29 ta' April 1996:

*""Li l-Ewwel Qorti ma nterpretatx tajjeb it-termini li fihom giet rimessa lilha l-kawza minn din l-Onorabbli Qorti bir-rizultat li bil-mod kif giet deciza l-kawza mill-Ewwel Qorti, it-tieni domanda fic-citazzjoni rigwadanti reintegrazzjoni lill-attur fl-'istatus quo' kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' responsabbilta` baqghu ma gewx decizi li certament ma kenitx il-fehma ta' din l-Onorabbli Qorti meta rrimettiet il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti";*

"19. b) Min-naha taghhom il-konvenuti appellati ntavolaw appell incidentali in kwantu ssottomettew:

*""illi l-istess sentenza kienet skorretta meta implicitament iddecidiet illi d-dikjarazzjoni li att ta' l-amministrazzjoni huwa <u>ultra vires</u> iggib bhala konsegwenza awtomatika, u f'kull kaz, ir-responsabbilta` ta' l-amministrazzjoni ghall-hlas ta' danni lill-persuna li fil-konfront taghha jkun sar l-att ultra vires";*

"20. B'sentenza ulterjuri moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru 1999 (fol. 305 – 313 tal-process), dik il-Qorti ddisponiet mill-appell kif gej:

"i. L-appell principali (i.e. ta' l-atturi) gie milqugh fis-sens illi ssentenza appellata tat-12 ta' April, 1966, giet revokata b'dan illi l-atti gew rimessi quddiem din il-Qorti biex din tkompli titratta u tiddeciedi t-talbiet attrici in kwantu u safejn dawn ma gewx determinati bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Novembru, 1994, fit-terminu kif fuq specifikati;

"ii. Cahdet l-appell incidentali tal-konvenuti, bl-ispejjez jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti;

"21. Peress li l-konvenuti kienu *inter alia* esprimew irwiehhom fis-sens li, skond huma, is-sentenza moghtija

mill-Qorti ta’ l-Appell fit-18 ta’ Novembru 1994 “la qalet li qeghda tintlaqa’ xi talba ta’ l-attur u wisq anqas iddecidiet illi l-konvenuti huma responsabbli li jhallsu xi danni lill-atturi” u li “ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha quddiemha sitwazzjoni fejn sentenza taghha kienet giet revokata minghajr, pero`, ma ntlaqghet xi talba li fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fid-29 ta’ Ottubru 1999 surreferita, u specifikament kwantu ghall-ewwel talba ta’ l-atturi [dik il-Qorti] qalet car u tond li (fol. 309, a tergo) li:

*““Din il-Qorti hija soddisfatta minn ezami tas-sentenza taghha tat-18 ta’ Novembru 1994 illi dak li ddecidiet f’dik is-sentenza meta rrevokat is-sentenza tal-Prim’ Istanza tat-2 ta’ Ottubru, 1991, kienet li ddeterminat il-principju tad-dritt applikabbli ghall-kaz u konsegwentement laqghet l-ewwel talba attrici fil-konfront tal-konvenuti li gew dikjarati responsabbli li agixxew arbitrarjament u mhux in forza ta’ ligi” (sottolinear tal-Qorti).*

“Minn dan mela jidher b’mod assolut u inekwivoku li l-ewwel talba ghaddiet in gudikat u li l-istess talba giet milqugha u li dak kollu li gie eccepit u mqanqal dwarha mill-konvenuti gie respint darba ghal dejjem;
“22. Jirrizulta li din il-kawza giet rimessa mill-gdid quddiem din il-Qorti, kif illum presjeduta, specifikament (fol. 314 a tergo),

*““biex din tikkunsidra l-meritu kollu li kien ghad irid jigi deciz u li ma kienx kopert bis-sentenza ta’ din il-Qorti tat-18 ta’ Novembru 1994 u cjoe` l-mertu li jirrigwarda t-tieni u t-tielet talbiet attrici” (sottolinear tal-Qorti);*
“23. Il-premess mela hu l-isfond kollu li wassal ghall-konsiderazzjoni finali ta’ din il-Qorti referibbilment ghat-tieni u tielet talbiet ta’ l-atturi li huma s-segwenti,

*“i. m’ghandhomx l-istess konvenuti jigu kkundannati minn din il-Qorti sabiex minnufih jiddezistu (milli) jkomplu jinsistu fuq ilproduzzjoni tal-fuq imsemmija garanzija bankarja sabiex jigu mgedda lill-attur il-permessi tal-garages tieghu kif ukoll biex giet inforzata dina l-kundizzjoni rigwardanti l-garanzija fuq indikata, u*

*"ii. m'ghandhomx l-istess konvenuti jigu minn din il-Qorti dikjarati responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur sal-lum u dawk li l-attur ghad jista' jsofri sakemm tkun ghaddejja din il-kawza w oltre bhala konsegwenza ta' l-agir tal-konvenuti jew min minnhom kif fuq inghad".*

"24. Dwar it-talba attrici taht l-inciz 23(i): Din it-talba hija wahda ta' kundanna "di fare" jew "di non fare" skond il-kaz. M'hijiex relatata ma' hlas ta' danni *ut sic* u wisq anqas ma likwidazzjoni jew hlas ta' danni. Darba li gie stabbilit mill-Qorti li l-konvenuti agixxew arbitrarjament u mhux in forza tal-ligi ghandu jsegwi li bhala konsegwenza din it-tieni talba ghandha tintlaqa'. Dwar din zgur m'ghandu jkun hemm ebda dubju, almenu fit-teorija. Fir-realta' tas-sitwazzjoni izda, il-prattika tista' turi xort' ohra. Il-konvenuti fl-ahhar nota taghhom (fol. 327 – 330) tista' tghid jinjoraw totalment din it-talba, konxji forsi tal-fatt li llum din it-talba tilfet is-sens taghha bid-dekors taz-zmien minn meta giet npprezentata l-kawza – cjoe` mit-28 ta' Novembru 1978 sal-lum – tlieta u ghoxrin sena cirka wara. Dan kollu huwa wkoll dovut ghall-fatt li z-zewg nahat baqghu ma ccaqalqux mill-pozizzjoni rigida li hadu, il-kwistjoni baqghet irrizolta, u n-negozju baqa' inoperat sakemm sfaxxa ghal kollox. Dwar it-tieni talba in ezami, l-istess atturi jissottomettu (ara nota fol. 337 tal-process, para. 4) illi:

*"Dwar it-tieni domanda wiehed jista' jargumenta li l-istatus quo ante ma jistax jigi restitwit lill-atturi minhabba l-bidla tac-cirkostanzi kawzata mid-dekors taz-zmien; dan pero` ma jezonerax lill-konvenuti milli jikkompensaw lill-atturi ghal dak li tilfu minhabba l-agir abbuziv tal-istess konvenuti. Ir-responsabbilta` aggudikata kontra l-konvenuti ghandha ghalhekk tissarraf fi hlas sija bhala danni kemm bhala kumpens".*

"Wara li hasbet fit-tul, din il-Qorti jidhrilha li *ex admissis* da parti ta' l-atturi, din it-talba llum giet reza proceduralment ezawrita. Bil-mod kif din it-talba giet formulata m'hemm xejn aktar x'jigi deciz illum u ghalhekk din il-Qorti qeghda tastjeni milli tippronunzja ruhha oltre dwarha hlief:

"i. li jekk din ikkagunat danni lill-atturi u jekk dawn id-danni huma attribwibbli lill-konvenuti minhabba l-agir taghhom,

allura se mai dawn id-danni ghandhom jigu kkunsidrati taht it-tielet u l-ahhar talba; u

"ii. li l-ispejjez gudizzjarji dwar din it-tieni talba jigu sopportati mill-konvenuti;
"25. Dwar it-tielet talba attrici taht l-inciz 23 (ii): Dwar din it-talba ghandu jigi osservat li din hija biss talba deklaratorja dwar responsabbilta` ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi in konsegwenza diretta ta' l-agir tal-konvenuti, la tikkontjeni kwindi xi talba ghall-likwidazzjoni ta' danni u wisq anqas talba ghal kundanna ta' hlas ta' danni. Dan qieghed jigi osservat bl-enfasi hawn ghar-raguni li fil-kors ta' sottomissjonijiet taghhom dwar din it-talba l-atturi gja' pprezentaw zewg prospetti b'danni minnhom likwidati – l-ewwel wiehed imur lura ghat-8 ta' Gunju 1995 bl-ammont ta' Lm272,272 (fol. 259 – 260) u iehor sussegwenti u "aggornat" ghas-somma ta' – fil-fehma tal-Qorti astronomika tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – Lm348,920 oltre kumpens iehor konsegwenzjali ghal telfien ta' avvjament, telf ta' qliegh minn bejgh mill-garaxx u kumpens iehor ancillari mhux specifikat (ara Dok MP – fol. 321 – 323 tal-process). Ic-citazzjoni in ezami, bit-talbiet kif dedotti fiha, ma jinkludux tali ezercizzju. Fil-fatt, l-istess atturi jaghmlu espressament "rizerva ta' kull azzjoni ohra kompetenti lill-attur kontra l-konvenut …..".
"Fis-sottomissjoni taghhom dwar din it-talba, l-atturi jsostnu (ara para. 4, fol. 337, nota ta' sottomissjonijiet) hekk:

*""…… (Anzi) ghandu jinghad li t-tielet domanda gja' hija milqugha bid-dikjarazzjoni ta' responsabbilta` tal-konvenuti".*

"u li,

*""Ir-responsabbilta' aggudikata kontra l-konvenuti ghandha ghalhekk tissarraf fi hlas sia bhala danni kemm bhala kumpens."*
"Min-naha l-ohra l-konvenuti qeghdin isostnu li,
*""l-agir ultra vires wahdu ma jgibx bhala konsegwenza awtomatika r-responsabbilta` awtomatika ghall-hlas ta'*

*danni izda tali agir jista' jaghti lok ghal hlas tad-danni biss f'cirkostanzi fejn dak l-agir ikun jikkostitwixxi mhux biss agir* <u>*ultra vires*</u> *izda wkoll fatt illecitu li jaghti lok ghall-hlas tad-danni taht il-ligi civili ordinarja jew taht ligi ohra specifika".*

"Il-konvenuti jirreferu ghall-promulgazjoni ta' l-Att XXIV tal-1995 li emenda l-Kap. 12 – u jirreferu ghall-artiklu 469A(5) u jissottometti li huma d-disposizzjonijiet ta' dak l-Att li huma applikabbli f'dan il-kaz. Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, din it-tezi tal-konvenuti ma treggix u lanqas issib konfort fl-Att innifsu. Dan l-Att specifikament jirreferi ghal dawk l-azzjonijiet li jsiru bis-sahha ta' dak l-artiklu li, f'nuqqas ta' riferenza lura jew dwar x'ghandu jitqies hemm fil-perjodu tranzitorju ghandu allura jfisser li din il-ligi kif kodifikata fl-1995 mhix certament applikabbli <u>ipso pure</u> kif jippretendu l-konvenuti. L-istess konvenuti, del resto, jidhru incerti minn din il-propozizzjoni u, di fatti ankorke` "ghall-grazzja ta' l-argument" jadducu ipotesi alternattiva – u cjoe` dwar jekk l-Att XXIV / 1995 introduciex principji godda fid-dritt pubbliku Malti jew inkella dak l-Att wettaqx biss ezercizzju ta' kodifikazzjoni ta' principji li kienu diga' jezistu. Din il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'teoriji u spekulazzjonijiet akkademici ta' din ix-xorta. Qabel il-promulgazzjonijiet ta' dan l-Att fl-1995, kien hemm fl-ewwel lok id-dispozizzjonijiet relativi stipulati fil-ligi ordinarja tal-pajjiz – fosthom l-artiklu 1033 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll dik id-dottrina legali li evolviet matul is-snin in konnessjoni ma' atti jew azzjonijiet amministrattivi. Il-Kodici Civili, fl-artiklu 1033 jiddisponi car u tond illi,

*""kull min, bil-hsieb jew minghajr il-hsieb li jaghmel danni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dritt impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk".*

"Dan maghdud, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut li trattandosi hawn ta' atti amministrattivi, agir *ultra vires* wahdu ma jgibx bhala konsegwenza awtomatika r-responsabbilta` ghall-hlas ta' danni, izda tali agir jista' jaghti lok ghall-hlas tad-danni f'dawk ic-cirkostanzi fejn ikun jirrizulta wkoll li hemm xi fatt illecitu li

jirrendi lil min hu responsabbli passibbli ghal hlas ta' danni, talvolta dawn jirrizultaw u jkunu direttament konsegwenzjali – ness bejn il-kawza u l-effett – bejn l-azzjoni illecita u d-danni jew danni hekk subiti. Din il-Qorti taqbel ukoll ma' l-asserzjoni l-ohra tal-konvenuti li fejn l-atti jew azzjonijiet amministrattivi m'humiex regolati bil-ligi Maltija, allura r-regoli tad-dritt amministrattiv applikabbli jsibu fonti fid-dritt amministrattiv Ingliz – ara wkoll "John Lowell et noe vs On. Clo. Caruana noe – Prim' Awla tal-Qorti Civili, 14 ta' Awissu 1972 u "Onor. Prim Ministru vs Sr. L. Dunkin noe" – Qorti Civili, 26 ta' Gunju 1980.

"Fejn din il-Qorti decizament ma taqbilx mal-konvenuti huwa dwar l-import ossija kwalifika li huma ghogobhom jaghtu lill-agir taghhom f'dan il-kaz, fejn skond huma la kien wiehed in mala fede jew *"b'mod mhux ragjonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragjunevolment giet michuda taht kull setgha ohra".* Fid-dawl tas-sentenza *in parte* dwar l-ewwel talba attrici, kif moghtija fit-18 ta' Novembru 1994 mill-Qorti ta' l-Appell, u kif din giet elaborata mill-istess Qorti fis-sentenza ulterjuri moghtija fid-29 ta' Ottubru 1999, ghandu jemergi kjarament li ghal dak li jikkoncerna l-agir tal-konvenuti, dan kien gie meqjus tali li, fejn hekk ikun irrizulta, ghandhom jitqiesu responsabbli tad-danni kkagjonati in konsegwenza ta' tali agir.

"Di fatti, fis-sentenza tat-18 ta' Novembru 1994 dik il-Qorti inter alia qieset hekk,

*""Issa fil-kaz prezenti dak li kien qed jigi impost kienet garanzija bankarja li tintilef, favur il-Gvern, kemm-il darba l-licenzjat jikser xi 'kundizzjoni' tal-licenzja – u din il-'kundizzjoni' hija verament ta' gravita` tali, li ma tistax tkun konformi mal-ispirtu generali tal-ligi, ghaliex tammonta ghal piena inflitta minn persuna, il-Kummissarju, u mhux minn Tribunal …." (fol. 240) (sottolinear tal-Qorti).*

*x x x x x x x x x x x*

*""(Applikat dan ghall-kaz prezenti), huwa manifest li dak li qieghed jigi avvanzat mid-difiza (i.e. mill-konvenuti) bhala ezercizzju diskrezzjonali legittimu mill-Kummissarju fuq id-delegazzjoni li huwa fid-dover ' jagixxi kif jidhirlu xieraq', ma jistax jigi accettat ghaliex dak l-uzu diskrezzjonali huwa kjarament f'konflitt u f'kuntrast ma' wiehed (mill-*

*anqas) principji fundamentali ta' l-ordinament guridiku Malti, u cjoe` illi d-drittijiet u l-obbligi kollha, ta' kull cittadin ghandhom jigu determinati minn xi organu guridiku, indipendenti u imparzjali. Huwa manifest illi l-Kummissarju ghalhekk ma jistax bis-sahha tad-dover diskrezzjonali kif ezercitat bil-'kundizzjoni' in kwistjoni – jiddeciedi unilateralment il-kontravenzjonijiet tal-'kundizzjoni' u jikkomina l-piena ta' inkamerament ta' Lm600".*

"B'mod aktar esplicitu mbaghad is-sentenza ta' l-istess Qorti moghtija fid-29 ta' Ottubru 1999, intqal li bis-sentenza moghtija fit-18 ta' Novembru 1994, dik il-Qorti kienet

*"".…. ddeterminat il-principju tad-dritt applikabbli ghall-kaz u konsegwentement laqghet l-ewwel talba fil-konfront <u>tal--konvenuti li gew dikjarati responsabbli li agixxew arbitrarjament u mhux in forza ta' ligi</u>". (fol. 309, a tergo) (sottolinear tal-Qorti).*

"Minn dan il-gudikat ma hemm xejn x'jitbiddel ghax illum jaghmel stat fil-<u>konfront taz-zewg konvenuti</u> in kawza.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta xi hadd bhalma huma z-zewg konvenuti jkun gie ddikjarat li uza malament id-diskrezzjoni moghtija lilu mil-ligi in forza tal-kariga li jokkupa, li jkun agixxa arbitrarjament u mhux in forza tal-ligi, certament ikun ifisser li jekk mhux addirittura <u>in mala fede</u> jkun almenu agixxa b'mod illecitu u irragjonevoli.

"Illi mis-suespost ghalhekk jitnissel li l-konvenuti ghandhom jigu dikjarati responsabbli ghal dawk id-danni kagjonati lill-atturi u li t-tielet talba ghalhekk hija wahda fondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

"Dan maghdud, din il-Qorti thossha fid-dmir li *obiter*, u dan in kwantu llikwidazzjoni tad-danni ma jiffurmawx parti mit-talbiet odjerni attrici, tirrileva li kwantu ghad-danni kif gja` pprospettati mill-attur, li llum ilahhqu ammont astronomiku – li jekk il-konvenuti mxew arbitrarjament u rragjonevolment mal-attur Frank Pace, li dan pero` min-naha tieghu wkoll jirrizulta li agixxa irragjonevolment meta minflok ra kif ghamel biex fic-cirkostanzi jimminimizza d-danni kemm jista' jkun, ghazel minflok li jitlef u jhalli jitfarrak irrimedjabilment in-negozju kollu tieghu. Fi kliem iehor, anke jekk l-agir tal-konvenuti fil-konfront mhux biss ta' l-attur imma ta' negozjanti ohrajn bhax-xorta tieghu (li

mxew diversament minnu) kien legalment skorrett u llecitu, l-attur xorta kellu triq fejn, fic-cirkostanzi, ma jhallix almenu s-sitwazzjoni tieghu tiddegenera u taggrava bil-mod u sal-punt estrem ta' kif hu u l-eredi tieghu jiddeskrivu. B'depozitu taht protesta, per ezempju, l-attur kien almenu jiggarantixxi li fil-pendenza tal-proceduri, in-negozju tieghu jibqa' miexi. Minflok, huwa ghazel it-triq li akkost ta' kollox, jirrezisti l-imposizzjoni inflitta biex illum qed jippretendi, tramite l-eredi tieghu, danni li jeccedu terz ta' miljun lira Maltija, oltre danni li ghad iridu jigu kalkolati kjarament. Din il-kontributorjeta' da' parti tal-atturi ghal dak li sehh wara ghandha tincidi u titqies sew f'kull eventwali talba ta' hlas ta' danni u/jew kumpens li tista' ssir mill-atturi bi procedura separata. Ikun bizzejjed li jsir biss accenn ghal dak li l-ewwel relatur gudizzjarju kien opina fir-relazzjoni peritali tieghu fl-1988 – ara l-ahhar paragrafu bin-numru 38, a fol. 128 tal-process –

*""Wiehed ma jistax jghid li l-imposizzjoni ta' dina l-garanzija kienet xi haga li tolqtok bl-ghebbusija taghha, jew li kienet ser tistrangola lis-sidien b'mod li ggieghlhom jghalqu n-negozju taghhom. Infatti skond is-Supt. Guido Muscat kulhadd ikkonforma ruhu mar-rekwizit, ad eccezzjoni tal-attur …..”*
“Huwa minnu li finalment il-Qorti ta' l-Appell kienet irrevokat dak li kien gie deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili dwar l-ewwel talba u spiccat biex laqghetha imma dak li kkostata, fl-1988, l-espert gudizzjarju kien u ghadu validu.”

**<u>L-Appell tal-Konvenuti</u>**

Minn din is-sentenza appellaw il-Kummissarju tal-Pulizija u John Lanzon fil-kwalita` tieghu ta' Chairman tal-*Planning Area Permits Board*. L-aggravji taghhom huma erba' u jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. illi l-kwistjoni jekk decizjoni *ultra vires* tkunx taghti lok ghall-hlas tad-danni hija relatata mal-grad ta' negligenza u mal-grad ta' irragonevolezza illi jkunu irrendew dik id-decizjoni *ultra vires.* Peress li fil-kaz in dizamina l-*ultra vires* konstatat ma kienx wiehed fejn l-

“error of judgment” tal-awtoritajiet pubblici fl-applikazzjoni tal-ligi wassal ghal xi konsegwenzi gravi fuq l-individwu, id-dikjarazzjoni li l-agir kien *ultra vires* u l-konsegwenti annullament ta’ dak l-agir kellhom ikunu l-unici konsegwenzi ta’ l-azzjoni ta’ “judical review”, u mhux ukoll li huma jigu dikjarati responsabbli ghad-danni;
2. illi agir “m’hux in forza ta’ ligi” u l-agir “illecitu” fit-termini tal-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili ma ghandhomx jigu ekwiparati ma’ “agir irragonevoli” ghall-finijiet ta’ “judicial review”;
3. illi ladarba l-ewwel Qorti ma kienitx taqbel illi d-danni kif definiti mill-atturi kienu reklamabbli, hija ma kellhiex tilqa’ t-talba dwar ir-responsabbilita` *“in abstracto”* filwaqt li tichad il-validita` tad-danni fil-fatt reklamati;
4. illi t-talba ghal dikjarazzjoni ta’ responsabbilita` kellha tigi michuda stante li d-danni reklamati mill-attur ma kienux danni kagunati mill-appellanti izda mill-attur stess, u konsegwentement kien hemm ksur fil-katina tal-kawzalita` bejn l-agir *ultra vires* u d-danni.

Min-naha l-ohra fir-risposta ta’ l-appell taghhom, l-appellati jinsistu illi ghandu jigi applikat l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili, liema artikolu ma jaghmel ebda eccezzjoni u lanqas jidhol f’kuncetti ta’ *“ultra vires”* u *“agir irragonevoli”*.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

Illi qabel jigu indirizzati l-aggravji ta’ l-appellanti, irid l-ewwel u qabel kollox jigi deciz liema ligi ghandha tirregola r-responsabbilita` o meno tal-Gvern ghall-hlas tad-danni fil-kaz odjern.

L-ewwel darba li l-legislatur Malti illegisla appozitament fuq ir-responsabbilta` tal-Gvern ghall-hlas tad-danni kien bl-introduzzjoni ta’ l-Artikolu 469A(5) fil-Kapitolu 12 bl-Att XXIV ta’ l-1995[1]. Quddiem l-ewwel Qorti, u indirettament anki fir-rikors ta’ l-appell taghhom, l-appellanti jissottomettu illi huma d-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu li

[1] Bl-imsemmi Artikolu 469A il-legislatur effettivament illegisla wkoll ghat-<u>tieni</u> darba dwar il-“judicial review”; l-ewwel darba li llegisla dwar l-istharrig gudizzjarju kien bis-subartikoli (2) sa (5) (illum abrogati) tal-Artikolu 742 tal-Kap. 12 permezz tal-Att VIII ta’ l-1981, u li permezz taghhom tali stharrig gie ristrett konsiderevolment.

huma applikabbli f'dan il-kaz. Skond id-disposizzjonijiet transitorji ta' l-Artikolu 362(1) ta' l-Att XXIV ta' l-1995 id-disposizzjonijiet ta' dak l-Att *"ghandhom jghoddu ghall-proceduri kollha li jkunu pendenti quddiem xi qorti jew tribunal li ghalihom jghoddu dawk il-Kodici jew dawk il-ligijiet, u li f'dik id-data jkunu ghadhom pendenti u m'ghaddewx f'gudikat."* Ghalhekk ir-regola hi li d-disposizzjonijiet kollha ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, li dahal fis-sehh b'dak l-Att, japplikaw ghall-kawza odjerna. Naturalment dan hu hekk safejn id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu stess ma jindikawx mod iehor.

Issa, s-subartikolu (5) tal-imsemmi Artikolu 469A huwa applikabbli f'kaz ta' *"…azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu…"* (sottolinear ta' din il-Qorti), cioe` bis-sahha ta' l-Artikolu 469A. Dan jimplika li dan is-subartikolu ma jistax ikun applikabbli ghal kawzi li kienu pendenti meta l-artikolu gie fis-sehh billi tali kawzi ma jistghux logikament jitqiesu li saru "bis-sahha" ta' l-Artikolu 469A galadarba dan ma kienx fis-sehh meta nbdew. Il-kawza odjerna kienet diga` pendenti meta gie promulgat l-Artikolu 469A; konsegwentement is-subartikolu (5) imsemmi ma jistax jinghad li hu applikabbli ghal kawza *de quo*.

Wiehed, ghalhekk, irid jara liema ligi kienet tirregola r-responsabbilita` tal-Gvern qabel l-emendi li saru fl-1995. Din il-kwistjoni giet trattata u deciza minn din il-Qorti[2] fil-kawza ***Marquis James Cassar Desain v. James Louis Forbes et*** deciza fis-7 ta' Jannar 1935 (Vol. XXIX-i-128). F'dik il-kawza il-konvenut ukoll kien eccepixxa illi l-Kuruna ma tistax tinstab responsabbli ghad-danni kommessi mill-ufficcjali taghha w iccitat in sostenn tat-tezi tieghu sentenza tal-Qrati Inglizi. Wara li analizzat l-istorja tad-dritt pubbliku Malti, dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi *"… save for any differences that may be due to diversity of place and circumstances, and in the absence of any statutory provisions to the contrary, it is by the principles of the public law of England that the relations and dealings between the Crown and its subjects are governed in Malta."* [3]

[2] Sir Arturo Mercieca, President, R. Ganado u Sir A. Bartolo.
[3] p. 137

Pero` rigward il-kwistjoni jekk il-ligi Ingliza hijiex applikabbli ghal Malta, il-Qorti qalet hekk: *"Here again it is necessary to enquire whether the law of England – statute or common – is the law of Malta also, or is otherwise applicable to the Island, and in this instance the answer is a decided negative."* [4] Il-Qorti ta' l-Appell waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat li *"the maxim, as well as the practice, were as stated by Steven quoted by Judge Debono in reference to Malta…namely that "In conquered or ceded countries, that have already laws of their own, these laws remain in force until changed by competent authority; and the common law of England, as such, has no authority therein (Comment. Introd. s, v.)*. *The Island of Malta, according to Sir George Cornwall Lewis, affords the one unique example "of a real voluntary cession" among the dependencies of the Crown. Both in accordance with the maxim above quoted, and even more in pursuance of precise instructions to this effect laid down by the Secretary of State for War and the Colonies in 1813, and strictly followed by Sir Thomas Maitland, Malta retained and maintained the highly evolved system of legislation it had already enjoyed for centuries, save for the changes and reforms which were felt to be necessary and beneficient especially in bringing the then existing laws into harmony with the principles of English Public Law and within the spirit of the judicial system in England. … … (T)he law of England, that is the private as distinct from the public law, whether statutory or common, has no authority in Malta, except within the restricted and specified limits set down in the Colonial Laws Validity Act."* [5]

Din il-Qorti f'dik is-sentenza osservat ukoll illi *"(O)ur written codes do not discriminate between the Crown (as the Government is expressly termed in various provisions) and its subjects in regard to the operation and the administration of the law; and ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus… …"* [6]; u kkonkludiet li *"as a*

---

[4] p. 139
[5] p. 140-141
[6] p. 143

*general rule, and in accordance with the principles of public law obtaining both in England and in Malta, the Crown, through its representative officials, is subject to the ordinary laws and amenable to the ordinary tribunals of these Islands."* [7]

Konsegwentement, ghalkemm ma hemmx dubju li d-dritt pubbliku Ingliz huwa s-sors tad-dritt pubbliku Malti, qabel l-emendi li saru fl-1995 u in forza ta' l-istess principji tad-dritt pubbliku Ingliz u dak Malti, ir-responsabbilita` o meno tal-Gvern ghad-danni kellha tigi determinata mil-ligi ordinarja, cioe` mid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodici Civili, safejn ma kienx hemm xi eccezzjoni espressa. Dan ghaliex skond l-istess principji tad-dritt pubbliku Ingliz kif gew introdotti hawn Malta, l-amministrazzjoni ghandha tkun soggetta ghal-ligi kif tirrikjedi ir-*Rule of Law*. Dan ifisser li l-amministrazzjoni ghandha tkun soggetta ghal-ligi Maltija ordinarja, safejn ovvjament il-ligi stess ma taghmilx xi eccezzjonijiet. Qabel l-emendi introdotti fl-1995, il-ligi Maltija ma kellhiex xi ligi specjali li tirregola r-responsabbilita` tal-Gvern ghad-danni, u konsegwentement il-Gvern kien soggett ghad-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili in materja, li ma jaghmlux distinzjoni bejn jekk il-konvenut ikunx individwu privat jew il-Gvern. Dan japplika anki meta l-pretiza ghad-danni tkun naxxenti minn att amministrattiv li jigi dikjarat *ultra vires*, billi *ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus.*

Dan l-insenjament gie segwit ukoll fil-kawza ***John Lowell et v. Onor. Dottor Carmelo Caruana noe***, deciza fl-14 ta' Awissu 1972, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rriteniet li att amministrattiv kien *ultra vires*, u konsegwentement il-Gvern kien responsabbli ghad-danni:*"L-atti ta' l-Esekuttiv maghmulin b'eccess tal-poteri fih vestiti mil-ligi huma illegali u jistghu jaghtu lok, fil-kazijiet kongruwi, ghall-hlas tad-danni derivanti mill-illecitu."* Ghalkemm f'dik il-kawza l-Qorti ma qalitx espressament illi r-responsabbilita` tad-danni kellha tigi determinata skond ir-regoli preskritti mill-Kodici Civili, dan huwa sottintiz fl-istess sentenza u mir-riferenza li ghamlet dik il-Qorti ghall-kuncett ta' l-illecitu.

[7] p. 146

Fil-fatt fid-decizjoni ghal-likwidazzjoni tad-danni f'dik il-kawza ma saret l-ebda riferenza ghal xi principju tad-dritt Ingliz, u d-danni gew likwidati skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt Civili Malti (ara decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell ***John Lowell et v. Onor. Carmelo Caruana noe***, deciza fid-29 ta' Mejju 1991).

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ma tarax li huwa necessarju li tidhol fil-kwistjoni dwar jekk l-emendi li saru fl-1995 li bihom gie introdott l-Artikolu 469A(5) fil-prattika kkodifikawx il-pozizzjoni gia` stabbilita fil-gurisprudenza jew introducewx kuncetti godda, billi fi kwalunkwe kaz dawn il-konsiderazzjonijiet huma rrilevanti ghal fini tar-rizoluzzjoni tal-kawza odjerna.

Issa, kwantu ghall-ewwel aggravju, dan, kif diga` spjegat, hu fis-sens illi l-kwistjoni jekk decizjoni *ultra vires* tkunx taghti lok ghall-hlas tad-danni hija relatata mal-grad ta' negligenza u mal-grad ta' irragonevolezza illi jkunu irrendew dik id-decizjoni *ultra vires.* In sostenn tat-tezi taghhom, l-appellanti jiccitaw diversi sentenzi tal-qrati Inglizi *in materia.* Ghar-ragunijiet spjegati hawn aktar 'l fuq huma d-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili – partikolarment l-Artikolu 1033 – li ghandu jirregola l-kwistjoni tar-responsabbilita` delittwali tal-Gvern fil-kaz odjern, u ghalhekk kwalunkwe riferenza ghal-ligi Ingliza *in materia* hija rrilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza

Fit-tieni lok, l-appellanti jargumentaw illi agir "m'hux in forza ta' ligi" u l-agir "illecitu" fit-termini tal-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili ma ghandhomx jigu ekwiparati ma' "agir irragonevoli". Issa, l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jiddisponi illi: *"Kull min, bil-hsieb jew minghajr il-hsieb li jaghmel danni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."* Huwa stabbilit fil-gurisprudenza li l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi azzjoni delittwali huma tlieta: *"(1) un fatto illecito; (2) l'imputabilita` di questo fatto al suo autore; (3) un danno cagionato da questo fatto"* (**Baudrie-Lacantinerie**: **Delle Obbligazioni** Vol. IV p.555, para. 2853). Il-kuncett ta'

"agir irragonevoli" huwa prettament kuncett tad-dritt Ingliz, u mhux tal-ligi kontinentali li kif inhuwa ben saput hija s-sors ewlieni tal-Kodici Civili. L-ewwel darba li dan il-kuncett gie introdott fl-istitut tad-danni delittwali kien bl-Att XXIV ta' l-1995 li introduca l-Artikolu 469A fil-Kapitolu 12, fejn fis-subartikolu (5) tal-imsemmi Art. 469A insibu: *"F'azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni li tkun imsejsa fuq ir-responsabilita allegata ta' l-awtorita` pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma ghandhomx jinghataw mill-qorti meta minkejja l-annullament ta' l-att amministrattiv l-awtorita` ma tkunx agixxiet* <u>*in mala fede*</u> *jew b'mod mhux ragonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment giet michuda taht kull setgha ohra."*

La darba, ghar-ragunijiet ga mfissra, is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 469A ma hux applikabbli ghal kaz odjern, ma hux il-kaz li din il-Qorti toqghod tanalizza jekk il-kuncett ta' "ragonevolezza" kif anki elaborat fil-gurisprudenza Ingliza huwiex ekwipollenti jew le ghal kuncett tal-"fatt illecitu" kif tradizzjonalment definit fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali. Dan ma jfissirx li qabel l-1995 kull att amministrattiv li jigi dikjarat *ultra vires* kien necessarjament jaghti lok ghar-rizarciment tad-danni. Hekk per ezempju fil-kaz ***Mary Grech v. Ministru tax-Xogholijiet*** deciz fid-29 ta' Jannar 1993, nonostante li decizjoni tal-*Planning Area Permits Board* giet dikjarata li kienet *ultra vires*, il-Qorti ta' l-Appell rriteniet illi t-talbiet attrici ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` u dikjarazzjoni ghad-danni kienu intempestivi stante li kif qalet l-ewwel Qorti f'dik il-kawza *"L-annullament ta' l-ewwel sentenza ma timportax awtomatikament il-konsegwenza li min ottjena l-annullament ghandu ragun fil-meritu. Dan irid jigi riezaminat u deciz fit-tieni stadju tal-procediment. F'materja amministrattiva,* <u>*bhal ma hi din in kawza*</u>*, ir-riezami tad-decizjoni tispetta lill-Bord."* Il-Qorti ta' l-Appell irribadiet illi *"billi l-att in kwistjoni tal-Ezekuttiv gie dikjarat null, l-istess Ezekuttiv ghandu d-dritt jerga' jiehu konjizzjoni tal-materja u jiehu decizjoni skond il-ligi u l-*

*gustizzja b'mod li ma jibqax il-kaz li jkunu dovuti xi danni lill-attrici."*

Skond id-dottrina kontinentali, sabiex ikun hemm dritt ghal indenniz ghad-danni dak l-att irid ikun jikkonsisti f'att illecitu illi effettivament jikkaguna dannu lill-attur. Fi kliem iehor il-fatt irid ikun jikkostitwixxi *injuria*, cioe` ikun *non iure* jew ahjar *contra ius*. Fil-fatt **Laurent** jghid hekk (**Diritto Civile** Vol. XX, pag. 308): *"Bisogna pero` guardarsi dal credere che la lesione consista nel danno che deriva da un fatto; il danno e` uno solo degli elementi del fatto dannoso, esso solo non basta, ma vi bisogna ancora che un diritto sia leso."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghaldaqstant, sabiex jista' jinghad illi fatt huwa illecitu, irid jigi ppruvat illi gie vjolat dritt tad-danneggjat li huwa protett mil-ligi, u li konsegwentement id-danneggjant naqas mill-obbligu tieghu li jirrispetta dak id-dritt. Fil-fatt l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jaghmilha cara li huwa biss *"Kull min, … … jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi",* li huwa responsabbli ghad-danni. Huwa biss meta l-awtur tal-fatt ikun ikkommetta ksur ta' *"xi dmir impost mil-ligi"* li jista' jinghad illi l-fatt huwa ingust. **De Cupis** (**Il Danno** (2 ed) Vol I pag. 67) jispjega illi *"Danno ingiusto: vale a dire, prodotto da atto umano antigiuridico, e antigiuridicita` significa contrarieta` a specifiche norme e principi di diritto, cui l'art. 2043 automaticamente rinvia nel mentre stabilisce la sanzione del danno arrecato in violazione di esse."*

Fil-kaz odjern, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-18 ta' Novembru 1994 iddecidiet illi l-uzu diskrezzjonali da parti mill-appellanti kien *"kjarament f'konflitt u f'kuntrast ma wiehed (mill-inqas) principji fundamentali ta' l-ordinament guridiku malti, u cioe` illi d-drittijiet u l-obbligi kollha ta' kull cittadin ghandhom jigu determinati minn xi organu guridiku, indipendenti u imparzjali."*

Ladarba d-decizjoni *de quo* kienet tikser id-dritt fondamentali ta' l-attur li d-drittijiet u obbligi tieghu jigu determinati minn organu guridiku, indipendenti u imparzjali, dak l-istess att kien jaqa' fid-definizzjoni ta' "att illecitu" fit-termini ta' l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili, liema

att jirrendi lill-awturi tieghu, cioe` lill-appellanti, responsabbli ghar-rizarciment tad-danni versu l-appellati.

L-appellanti jargumentaw wkoll illi ladarba l-ewwel Qorti ma kienitx taqbel illi d-danni kif definiti mill-atturi kienu reklamabbli, hija ma kellhiex tilqa' it-talba dwar ir-responsabbilita` *"in abstracto"* u fl-istess nifs tichad il-validita` tad-danni fil-fatt reklamati. Din il-Qorti, pero`, tosserva li l-ewwel Qorti ma qalitx li t-tip ta' danni reklamati mill-atturi ma kienux gustifikati jew legalment infondati, izda qalet li fl-opinjoni taghha id-danni kif pprospettati mill-attur – cioe` fil-*quantum* taghhom – kienu jlahhqu ammont astronomiku, stante li l-attur ma adempiex ma' l-obbligu tieghu li jimminimizza l-istess danni, u li din il-kontributorjeta` ta' l-attur jew ta' l-aventi kawza tieghu ghandha tittiehed in konsiderazzjoni f'kawza eventwali ghall-hlas tad-danni. Ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet ta' l-opinjoni li ghalkemm l-atturi setghu soffrew <u>xi danni</u>, pero` dan kien certament f'ammont ferm anqas minn dak pretiz minnhom. In fatti din il-Qorti ma teskludix li l-ammont ta' danni jista', addirittura, jigi kwantifikat biss f'ammont nominali.

Fit-tieni lok, l-appellanti jidhru li qieghdin jikkonfondu d-dikjarazzjoni ta' responsabbilita` mal-likwidazzjoni tal-hlas tad-danni. Kif inhu risaput, talba ghar-risarciment tad-danni tinvolvi tlett talbiet separati u distinti: (1) talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita`; (2) talba ghal-likwidazzjoni tad-danni u (3) talba ghal kundanna tal-hlas tad-danni. Il-fatt li Qorti ssib li hemm responsabbilita` ghar-risarciment tad-danni ma jfissirx li awtomatikament dik il-Qorti tkun qed taqbel mal-likwidazzjoni tad-danni kif tista' tigi talvolta pprospettata mill-attur. Sabiex issir il-likwidazzjoni tad-danni iridu jsiru l-provi appoziti skond il-ligi, u l-Qorti ghandha timxi mar-regoli stabbiliti fil-Kodici Civili fir-rigward, inkluz naturalment dak li tara jekk id-danneggjat adempiex l-obbligu tieghu li jimminimizza d-danni. Jista' ipotetikament ikun hemm dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghad-danni, anki jekk sussegwentement ma jigix pruvat illi l-attur ikun sofra xi danni reklamabbli skond il-ligi.

Ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet korretta illi, ghalkemm ma kienitx taqbel mal-ammont pretiz mill-atturi – illi *del resto* ma kienitx kwistjoni li kellha tiddeciedi fuqha stante li c-citazzjoni ma fihiex talba ghal-likwidazzjoni tad-danni – xorta iddikjarat lill-appellanti responsabbli ghad-danni. Issa sta ghall-appellati biex f'kawza eventwali ghal-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tad-danni jippruvaw illi d-danni minnhom prospettati huma, kollha jew parti minnhom, reklamabbli minghand l-appellanti skond ir-regoli tal-ligi civili. Ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi michud.

Fl-ahharnett l-appellanti jilmentaw illi t-talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` kellha tigi michuda stante li d-danni reklamati mill-attur ma kienux danni kagunati mill-appellanti izda mill-attur stess, u konsegwentement kien hemm ksur fil-katina tal-kawzalita` bejn l-agir *ultra vires* u d-danni. Dan l-aggravju huwa intimament konness mat-tielet aggravju u ghalhekk ghar-ragunijiet gia moghtija, jista' jkun argument rilevanti f'kawza fejn tkun qieghda effettivament issir il-likwidazzjoni tad-danni pretizi mill-atturi, pero` mhix rilevanti fil-kawza odjerna.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------